MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Numru. 25/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOB J. BORG**
**SPETTUR ANNA MARIE MICALLEF**
**KONTRA**

**KEVIN SPITERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Kevin Spiteri ta' 28 sena, bin Salvatore u Maria Elena (Marlene) nee' Gatt, mwieled Pieta' nhar il- 11 ta' Lulju 1982, residenti Bini tal- Gvern, Blk 1, Door 1, Flat 1, Triq il- Gzira, Gzira u detentur tal- Karta tal- Identita' bin-numru 534982M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer nhar it- 18 ta’ Jannar 2011, gewwa l- Gzira, kif ukoll f’ dawn l- ahhar xhur, f’ hinijiet differenti f’ diversi postijiet madwar Malta;

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d- droga Kokaina, specifikat fl- ewwel sekda tal-ordinanza, dwar il- Medicini Perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta’ Malta, lill- persuna/I, jew ghall- persuna/I, minghajr ma kellu licenzja mill- President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir- regoli tal- 1939, ghall- Kontrol Intern tad-Drogi, Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita’ moghtija mill- President ta’ Malta, li jfornu d- droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal- Gvern, skond id- disposizzjonijiet tas- 6 taqsima tal- Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l- istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar- regoli tal- 1939, ghall- Kontroll Intern tad- Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939, kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal- Ordinanza Dwar il- Medicini Perikoluzi tal- Kap 101 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2) Kellu fil- pussess tieghu droga Kokaina specifikat fl- ewwel skeda tal- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, tal- Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall- importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal- Gvern skond id- disposizzjonijiet tar- 4 u s- 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil- licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d- droga, msemmija u meta ma kienx b’ xi mod iehor bil- Licenzja mill- President ta’ Malta li jkollu d- droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d- droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir- ricotta kif provdut fir- regolamenti msemmija u dan bi ksur tar- regolament tal- 1939 dwar il- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (G.N.

292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal- ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’ tali cirkustanzi li kienu juru li ma kienitx ghall- uzu esklussiv tieghu;

3) Kellu fil- pussess tieghu d- droga Eroina, specifikata fl- ewwel skeda tal- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, tal- Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil- pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall- importazzjoni jew ghal esportazjoni mahrug mit- Tabib Principali tal- Gvern skond id- disposizzjonijiet tar- 4 u s- 6 TAqsima tal- Ordinanza u meta ma kienx bil- licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d- droga msemmija u meta ma kienx b’ xi mod iehor bil- Licenzja mill- President ta’ Malta li jkollu d- droga msemmija fil- pussess tieghu u naqas li jipprova li d- droga msemmija giet fornuta lilu ghall- uzu tieghu skond ir- ricotta kif provdut fir- regolamenti msemmija u dan bi ksur tar- regolamenti tal- 1939 dwar il- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal- ordninanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta’ Malta;

4) Talli sar recidiv b’ sentenza moghtija mill- Qorti tal- Malta preseduta mill- Magistrat Dr. A. Bologna LL.D nhar id- 19 ta’ Gunju 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

5) Talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni moghtija mill- Qorti ta’ Malta, preseduta mill- Magistrat Dr. Doreen Calrke LL.D nhar is- 19 ta’ Novembru 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi l-Avukat Generali ta l-Ordni tieghu sabiex din il-kawza tinstema' sommarjament minn din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrisulta ampjament car li l-imputat ghandu problema akuta ta' abbuz u dipendenza fuq id-droga, ammessa minnu stess anke fl-istqarrija tieghu. Il-Qorti giet infurmata, wara l-ammissjoni tal-imputat, illi l-Prosekuzzjoni u d-difiza kienu qablu li l-piena idoneja ghal dan il-kaz setghet kienet wahda ta' prigunerija ta' tlitt snin u nofs, flimkien ma' multa ta' tlitt elef Ewro, liema piena kienet tinkorpora l-addebitu tar-recidiva u l-ksur tal-liberazzjoni kondizzjonata moghtija lilu fis-17 ta' Novembru, 2010. Il-Qorti taqbel perfettament ma' din is-sottomissjoni maghmula konguntiva bejn il-partijiet, u ghalhekk ser tghaddi minnufih ghas-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat ir-Regolament 4 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikoli 22(1) u (2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlitt (3) snin u nofs prigunerija. Tikkundannah ukoll multa ta’ tlett elef ewro (€3, 000).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------